# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.7

**Kap 6: Salvana**

**Lezzjoni: 6.7 Mhux hawn imma qam!!**

## L-Għanijiet:

It-tfal:

1. Jagħrfu li għalkemm Ġesù bata għalina, l-istorja għandha tmiem sabiħ.
2. Jifhmu li din hi l-akbar festa għalina l-Insara u li magħha ġġib ferħ kbir.



## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- Link fuq il-YouTube ta' [Cedarmont Kids](http://www.youtube.com/watch?v=yRTKzGokOnQ) - **Alive, Alive**

  http://www.youtube.com/watch?v=yRTKzGokOnQ

- Link fuq il-YouTube **The Resurrection - The Beginners Bible Deluxe Edition**

  http://www.youtube.com/watch?v=wq-NhRUIejo

- Is-Salib tal-Imħabba (magħmul fil-lezzjoni 6.6 Viva Ġesù ... Ġesù qam)
- Kartonċin jew karti isfar, kannella, iswed u blu.
- Karta ta' Taħriġ 6.6.

## Naqsmu flimkien - L-Introduzzjoni

- Flimkien kantaw **Hu qam kif kien qal (verżjoni bil-malti)** jew **Alive Alive (verżjoni bl-Ingliż)**. Tista' tuża dan il-link fuq il-YouTube ta' Cedarmont Kids - **Alive, Alive**

***Hu qam kif kien qal***

*Hu qam, hu qam, hu qam kif kien qal*
*Għax Ġesù huwa ħaj, qam kif kien qal.*
*Hu qam, hu qam, hu qam kif kien qal*
*Għax Ġesù huwa ħaj.*
*Kant'Allelulja, kant'Allelulja*
*Għax Ġesù huwa ħaj, qam kif kien qal.*
*Kant'Allelulja, kant'Allelulja*
*Għax Ġesù huwa ħaj.*

***Alive Alive***



*Alive, alive, alive forevermore.*
*My Jesus is alive, alive forevermore.*
*Alive, alive, alive forevermore.*
*My Jesus is alive.*
*Sing alleluia, sing alleluia,*
*My Jesus is alive forevermore.*
*Sing alleluia, sing alleluia*
*My Jesus is alive*

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

- Irrakkonta dak li Marija Maddalena u Marija omm Ġakbu sabu meta marru ħdejn il-qabar ta' *Ġesù*. Uża l-preżentazzjoni għall-iStarboard *Ġesù* **qam**.



**1.** Il-ġebla tal-qabar ma kinetx f'postha

**2.** Il-qabar kien vojt.

**3.** Il-lożor kienu fil-qabar

**4.** Anġlu qalilhom li *Ġesù 'mhux hawn, imma qam.'*

- Għid lit-tfal li wassal il-ħin tal-krafts. Illum ser nagħmlu l-qabar ta' *Ġesù* hekk kif sabuh Maria Maddalena u Marija omm Ġakbu.




- It-tfal jagħmlu din l-istampa billi l-ewwel iwaħħlu nofs ċirku mill-karta kannella fuq il-karta blu. Wara jwaħħlu nofs ċirku iswed fuq in-nofs ċirku kannella. B'butterfly clip jitwaħħal ċirku kannella bħala l-ġebla tal-qabar. Jitwaħħal salib isfar. Fuq jistgħu jiktbu **Mhux hawn, imma qam.** Fil-vaganzi jistgħu jeħduh id-dar biex iżejnu għall-festa tal-Għid.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.6 u biex huma jikkonsolidaw dak li jkunu semgħu f'din il-lezzjoni u f'ta qabel ipinġu l-istampa.
- Jekk hu possibbli aħdem il-karta ta' Taħriġ Addizzjonali li ssib ma din il-lezzjoni.

## Nikbru flimkien (punti ewlenin tal-lezzjoni)




- *Ġesù* ma baqax mejjet iżda għadu ħaj u għalhekk għandna għalfejn nifirħu.
- Marija, il-Maddalena, Ġwanni u Pietru kienu l-ewwel nies li ndunaw li *Ġesù* qam mill-mewt.
- Aħna għandna nifirħu għax *Ġesù* qam mill-mewt bħal ma' ferħu Marija Maddalena, Marija, u Pietru.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




Noqogħdu attenti u mmorru naraw il-purċissjonijiet li juru l-passjoni u l-mewt ta' Ġesù.

## Niċċelebraw flimkien

kant /drama/ DVD



- Għid l-istorja tal-qawmien bl-għajnuna kartuns animati bħal **The Resurrection -- The Beginners Bible Deluxe Edition** minn fuq YouTube jew bi stampi permezz tal-preżentazzjoni Powerpoint.
- **Kantaw Alive Alive** jew **Hu qam kif kien qal** il-link fuq il-YouTube ta' Cedarmont Kids **- Alive, Alive**

**Nitolbu**



*It-tfal jistgħu jitgħallmu bl-amment il-vers :*

*Mhux hawn, imma qam kif kien qal.*

Inkantaw *Alleluljah.*

*Spjega lit-tfal li Alleluljah tfisser infaħħru lil Alla. Fi żmien l-Għid inkantawha għaliex inkunu ferħanin. Tista' ssemma lit-tfal Halleluljah ta' Handel li tesprimi tajjeb il-ferħ ta' din il-festa. (Händel Messiah – Hallelujah Chorus)*